MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 68/2005

**Reuben Scicluna**

**vs**

**Elmo insurance Agency Limited u dana fil-kapacita`taghha bhala agent tas-socjeta` assikuratrici Royal & Sunalliance**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni imressqa minn Reuben Scicluna li permezz taghha wara li ippremetta illi:

l-attur huwa l-proprjetarju tal-vettura tal-marka Honda Prelude bin-numru tar-registrazzjoni CBG-676, liema vettura hija koperta b'polza ta' assikurazzjoni 'fully comprehensive' mas-socjeta` assikurattiva konvenuta.

nhar il-31 ta' Dicembru 2001 l-imsemmija vettura kienet involuta f'incident stradali fil-B'Kara By-Pass, Birkirkara fejn l-imsemmija vettura spiccat 'beyond economic repair'.

tali vettura hija koperta bl-imsemmija polza ghal tali incident.

wara dan l-akkadut, l-attur ghamel id-debita claim mas-socjeta` assikurattiva konvenuta.

s-socjeta` assikurattiva konvenuta qieghdha tirrifjuta minghajr ebda raguni valida fil-ligi illi tonora l-obbligi taghha a bazi tal-polza ta' l-assikurazzjoni li hemm illi tkopri lill-vettura ta' l-attur u tikkumpenza lill-attur a bazi ta' l-istess polza.

ghalkemm is-socjeta` assikurattiva konvenuta giet debitament interpellata mill-attur din baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta`assikurattiva konvenuta ghalfejn din l-Onorabbli Qorti:

1. Prevja kull dikjarazzjoni li hija thoss li tkun opportuna fic-cirkostanzi, tiddikjara illi l-attur huwa kopert ai fini u effetti kollha tal-ligi permezz tal-polza hawn fuq indikata;

2. Tiddikjara illi l-polza ta' l-assikurazzjoni in disamina hija assolutament valida ai fini u effetti kollha tal-ligi;

3. Tiddikjara illi s-socjeta` assikurattiva konvenuta ghandha l-obbligu illi thallas lill-attur a bazi ta' l-istess polza ta' l-assikurazzjoni;

4. Tiffissa l-valur u dana a bazi tat-termini stabiliti fl-istess polza assikurattiva;

5. Tikkundanna lis-socjeta` assikurattiva konvenuta thallas il-valur hekk iffissat lill-attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Elmo Insurance Agency Limited li in forza taghha eccepiet illi:

1. It-talbiet kollha tal-attur ghandhom jigu respinti stante li l-polza ta’ assikurazzjoni li fuq l-iskorta taghha l-attur qed jippretendi indennizz mhix valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi billi qabel ma kien konkjuz il-kuntratt ta’ assikurazzjoni l-attur naqas serjament milli jisvela fatti materjali li kien jaf bihom (*non disclosure of a material fact*) fatti tali li kieku gabhom a konjizzjoni tas-socjeta` konvenuta noe din ma kenitx taccetta li tassikurah.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet mressqa mill-attur.

Rat li, is-socjeta` konvenuta ma ressqitx sottomissjonijiet bil-miktub ghalkemm hekk kienet awtorizzata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Permezz ta’ din il-kawza Reuben Scicluna qed jitlob hlas skond polza ta’ assikurazzjoni fuq vettura. Elmo Insurance Agency Limited issostni li l-polza de quo m’hijiex valida ghaliex l-attur naqas li jizvela fatti li, kieku maghrufa lill-Elmo, din ma kenitx tohrog il-polza.

Jirrizulta mill-provi illi l-attur avvicina lil Elmo biex jassikura l-vettura tieghu Honda Prelude CBG 676 mill-1 ta’ April 2001. Intlahaq ftehim li permezz tieghu l-premium kellu jithallas ratealment. Il-partijiet ma jaqblux dwar kif kellhom isiru l-pagamenti.

L-attur jghid li huwa kellu jeffettwa pagament kull erba’ xhur filwaqt illi Elmo issostni li l-pagament kellu jsir f’erba’ pagamenti wiehed kull xahar. L-attur hallas f’April 2001 u

f'Lulju 2001. Fil-bidu ta' Novembru, wara li naqas li jhallas pagament iehor, ircieva ittra minghand l-assikurazzjoni li permezz taghha infurmatu li l-polza giet kancellata minhabba nuqqas ta' hlas. Gie nfurmat ukoll b'dan il-kancellament id-Direttur tal-Licensing and Testing Department. Fis-7 ta' Novembru 2001, l-attur avvicina lill-assikurazzjoni, hallas pagament iehor u l-polza giet "re-instated". Meta, wara incident li sehh fl-ahhar tas-sena 2001, l-attur talab lil Elmo tkopri d-danni, huwa kien infurmat li l-polza de quo kienet giet kancellata fis-16 ta' Dicembru 2001, ghaliex, skond l-assikurazzjoni, il-bilanc kollu kellu jithallas sal-15 ta' Dicembru. L-attur ma jaqbilx li l-ftehim qatt sar hekk u jsostni li l-hlas kellu jsir f'Jannar 2002.

L-unika eccezzjoni li ressqet l-assikurazzjoni fil-kawza hija dik ta' "non disclosure of material fact". Huwa principju stabbilit li kuntratti ta' assikurazzjoni essenzjalment jirrikjedu l-oghla bona fede (uberrima fides):

"il-Qorti tifhem li hu l-obbligu tal-persuna li tkun qed tinnegozja biex tidhol f'kuntratt ta' assigurazzjoni li taghti l-informazzjoni kollha sostanzjali u rilevanti dwar il-history taghha bhala s-soggett ta' assigurazzjoni, meta jkun car li tali informazzjoni tista' b'xi mod tinfluwenza d-decizjoni tad-ditta assiguratrici fl-ghoti tal-polza. L-istess kif id-ditta assiguratrici hi obbligata tinforma lill-klijent bil-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet li l-polza li tkun ser tinhariglu jkollha. Dan ghaliex il-kuntratt ta' assigurazzjoni hu wiehed ta' *uberrimae fidae* u l-kontraenti ghandhom ikunu bil-massima *bona fede* meta jiffirmawh.

"*The contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberrimae fidae, that is of utmost good faith. As a result, the potential parties to it are bount <u>to volunteer to each other</u> before the contract is concluded information which is material".* (John Birds Modern Insurance Law 1977 p.100)." (Sentenza tat-8 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet Pawlu u Deborah konjugi Baron kontra Thos. C Smith Insurance Services Ltd bhala agenti ta' Siat, Citaz Nru: 2984/1996, Onor Imhallef Geoffrey Valenzia.)

Fil-kaz in ezami s-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda prova dwar l-allegat habi ta' fatti materjali. Ghall-kuntrarju, missier l-attur jixhed hekk:

"Din Marisa kienet saqsietni jekk il-karozza kienetx involuta f'xi accident u jiena ghidilha iva din kienet saqsitni jekk peress illi kont ghidilha li kont tlift il-no claim bonus u ghalhekk ovvjament irrimarkatli li biex gara hekk il-karozza kienet involuta f'xi accident u ghalhekk jiena irrispondejtilha iva ghidilha pero` li jien ma kont naf id-dettalji dwar dawk l-accidents. Hi qaltli li ma kienx hemm problema li ma kontx naf bid-dettalji peress li huma xorta jibghatu ghac-certifikat li jolqot il-vettura minghand Rowsy. (Rausi)"

Id-dokument relattiv ghall-claims precedenti kien fil-pussess tas-socjeta` konvenuta mill-bidu tal-kopertura. L-assikurazzjoni ma ressqet ebda prova ohra fir-rigward.

Ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova fir-rigward din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni ta' Elmo Insurance.

Ghalhekk, il-kwezit li issa jonqosha twiegeb din il-Qorti huwa jekk l-attur irnexxielux jipprova t-talba tieghu. Elmo Insurance issejjes id-difiza taghha, ghalkemm ma taghmilx dan f'eccezzjoni formalment, fuq l-allegata inezistenza ta' kopertura. Issostni li illi l-polza kienet giet minnha kancellata minhabba nuqqas ta' ottemperanza tal-kundizzjonijiet tal-pagament.

Kif intqal aktar 'il fuq, fic-cirkostanzi tal-ftehim, tal-hlas, il-verzjonijiet tal-partijiet ma jaqblux. Filwaqt li l-attur isostni li kellu jsir hlas kull erba' xhur, Elmo issostni li kellhom isiru erba' pagamenti, wiehed kull xahar.

L-unika prova miktuba fir-rigward tal-ftehim tal-modalita` ta' hlas tinsab f'notamenti handwritten fuq folja ta' notebook mill-persuna li ftehmet mal-attur, Marisa Harvey. F'dawn in-notamenti hemm imnizzel il-kliem "4 monthly payments" li wasslu ghad-dizgwid odjern. Fil-kuntest din il-Qorti hi tal-fehma li hija aktar verosimili t-tezi tal-attur,

dan ghaliex mill-istatement tal-istess assikurazzjoni jirrizulta li saru hlasijiet f'Marzu, u f'Lulju 2001. Meta f'Ottubru ma sarx pagament, Elmo kitbet lill-attur li kellu jhallas sal-31 ta' Ottubru 2001. (ara ittra a fol 24 tal-process). Meta naqas, ikkancellat il-polza. Kieku kellhom isiru l-hlasijiet kif issostni Elmo, din l-azzjoni tkun messha ttiehdet ferm qabel, stante li bejn pagament u iehor kien qed jghaddi ferm aktar minn xahar.

Meta, wara l-kancellament, il-polza giet "re-instated", Elmo issostni li kellu jsir pagament tal-bilanc sal-15 ta' Dicembru u dan ma sarx. Ir-rapprezentanti ta' Elmo isostnu li dan kien il-ftehim pero` ma jezisti ebda dokument fir-rigward. L-attur isostni li pagament iehor kellu jsir f'Jannar. Kien x'kien l-arrangament bejniethom dwar hlas, anke jekk dan kellu jsir sa nofs Dicembru kif issostni Elmo, din il-Qorti ma tista' qatt taccetta l-mod kif qed tghid li kkancellat il-polza Elmo. Kuntratt ta' assikurazzjoni huwa wiehed ta' serjeta` kbira li ghandu riperkussjonijiet serji kemm fil-konfront tal-partijiet infushom kif ukoll ta' terzi. Ukoll, nuqqas ta' kopertura b'assikurazzjoni jwassal ghal responsabbilta` kriminali. Bhala tali, ghalhekk din il-Qorti ma tistax taccetta azzjoni unilaterali ta' assikurazzjoni biex tohrog mill-obbligi taghha minghajr ma mqar tinforma lill-parti l-ohra bl-intenzjonijiet taghha. Elmo Insurance hija ben konxja ta' dan il-fatt u tagixxi sewwa u legalment meta taghti l-avviz kif fil-fatt tat lill-attur meta kkancellat l-ewwel darba u meta fl-istess okkazjoni infurmat ukoll lill-awtoritajiet. Fis-16 ta' Dicembru 2001 ma jirrizulta li ghamlet xejn minn dan. Hlief nota fil-files taghha li sar il-kancellament din il-Qorti ma ratx. Il-Qorti tqis li kieku sar kancellament b'mod regolari, kif kien sar f'Novembru, is-socjeta` konvenuta kien ikollha records regolari kif fil-fatt ghandha dwar il-kancellament ta' Novembru. Din il-Qorti ghalhekk tqis li dak li s-socjeta` Elmo qed tqis issa li kien kancellament m'huwa xejn ghajr azzjoni unilaterali u bhala tali din il-Qorti tqis li m'ghandha jkollha ebda effett biex ixxejjen certifikat ta' assikurazzjoni minnha regolarment mahrug.

Il-Qorti tinnota inoltre li l-assikurazzjoni ma hadet ebda passi ohra fil-konfront ta' din il-polza, lanqas meta giet

interpellata thallas danni kkagunati lil terzi fl-incident tal-ahhar tas-sena 2001. In segwitu ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-10 ta’ Dicembru 2003 l-assikurazzjoni kienet hallset id-danni lill-istess terzi.

Stabbilita` ghalhekk ir-responsabbilta` tas-socjeta` konvenuta li tkopri d-danni skont il-polza jonqos biss illi din il-Qorti tistabbilixxi l-ammont ta’ danni li s-socjeta` Elmo hija dovuta thallas taht l-istess polza li hija “fully comprehensive”. Il-vettura nnifisha giet dikjarata “beyond economical repair”. Gialadarba l-istess vettura kienet dikjarata li tiswa Lm10,000 huwa dan l-ammont li ghandha thallas l-assikurazzjoni ghaliha.

Ghaldaqstant il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, tilqa’ l-ewwel talba ta’ Reuben Scicluna, tilqa’ it-tieni talba, tilqa’ it-tielet talba, tilqa’ ir-raba` talba fl-ammont ta’ tlieta u ghoxrin elf mitejn u erbgha u disghin Ewro (€23,294) ekwivalenti ghal ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000), tilqa’ il-hames talba u tikkundanna lil Elmo Insurance Agency Limited thallas lil Reuben Scicluna s-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf mitejn u erbgha u disghin Ewro (€23,294), bl-ispejjez u imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha minn Elmo Insurance Agency Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------